# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 7 ta' Ottubru 2019**

**Numru 2**

**Rikors numru 212/15 AL**

**Raymond Pantalleresco**

**v.**

**Deborah Jane Pantalleresco neé Smith u b'digriet tas-16 ta' Frar, 2017 l-Avukat Dr. Christopher Chircop u l-PL Louisa Tufigno gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Deborah Jane Pantalleresco neé Smith**

<u>Preliminari</u>

1. Dan hu appell maghmul mill-attur minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja], fis-17 ta' Mejju 2018 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talba tal-attur ghal dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg bejn il-partijiet ikkuntrattat civilment fid-

19 ta' Awwissu 1992 wara li osservat li *"l-azzjoni tan-nullita` taz-zwieg ghal bazi tal-kawzali tan-nuqqas ta' diskrezzjoni tal-gudizzju u tal-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, ma tistax tkun success u konsegwentement li t-talba attrici mhjiex gustifikata ….."*; bl-ispejjez akkollati lill-attur.

Fatti

2. F'dawn il-proceduri l-attur qed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi dikjarat null, wara li fir-rikors promotur ippremetta s-segwenti:

> "1. Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg fid-dsatax (19) ta' Awwissu elf disgha mija tnejn u disghin (1992) fir-registru taz-zwieg il-Belt Valletta debitament rregistrat fir-registru taz-zwieg f'Malta bin-numru tac-certifikat 1416/1992 u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A".
>
> "2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhom ebda tfal.
>
> "3. Illi l-esponenti kienu iltaqghu meta l-intimata kienet vaganza f'Malta, f'Mejju ta' l-1991 u rritornat lura ghal vaganza wara ftit xhur u fl-istess zmien kienu iddecidew li jizzewgu biex hi tkun tista' tibqa' Malta peress li kienet ta' nazzjonalita` estera. B'hekk qabel ma zzewigha l-esponent kien iltaqa' maghha ftit gimghat biss;
>
> "4. Illi kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimata ma kellhom ebda intenzjoni li jizzewgu;
>
> "5. Illi r-rikorrenti u l-intimata kienu dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr ebda preparazzjoni serja ta' xejn imma biss biex l-intimata ta' nazzjonalita` Ingliza tkun tista' tibqa' Malta u tahdem hawn;
>
> "6. Illi r-rikorrenti kienu rrealizzaw mal-ewwel li ma kienux lesti li jghixu hajja mizzewwga ma' xulxin;
>
> "7. Illi llum l-gurnata l-intimata abbandunat ghal kollox lill-esponenti;

> "8. Illi l-kunsens tal-partijiet inghata bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali jew ohrajn tal-hajja mizzega, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dana *inter alia ai termini* tal-artikoli 19(1) (f) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-kaz ta' l-intimata zzewget lir-rikorrent mhux ghax kienet thobbu imma ghax riedet tibqa' Malta u dan kif ser jigi spjegat iktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
>
> "9. Illi fil-fatt dan iz-zwieg ma giex ccelebrat bir-rijt kattoliku u dan biex ma jkunx hemm aktar kumplikazzjonijiet u l-intenzjoni taghhom kienet biss biex hi tibqa' Malta';
>
> "10. Illi inoltre fil-mument taz-zwieg il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat *inter alia* b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dana ai termini tal-artikoli 19 (1) (d) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> "11. Illi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti fid-dsatax (19) ta' Awwissu elf disgha mija tnejn u disghin (1992) fir-registru taz-zwieg il-Belt Valletta huwa null u bla effett fil-ligi."

3. Jirrizulta wkoll mill-provi li permezz ta' ittra datata 14 ta' Dicembru 2016 mibghuta mir-rapprezentant tal-konvenuta[1] dina talbet il-bejgh tad-dar matrimonjali li skont hi kienet tat-tnejn u talbet ukoll il-likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti u li tinghata lura l-mobbli parafernali taghha. Fl-istess ittra l-konvenuta spjegat li hi kienet diga' ottjeniet id-divorzju u li ghalhekk ma kinitx interessata fil-proceduri tal-annullament.[2]

Is-Sentenza Appellata

4. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

---

[1] Allura Dr.Robert Piscopo.

[2] Kopja ta' din l-ittra kienet giet annessa mill-attur mar-rikors tieghu prezentat fis-16 ta' Frar 2017.

"<u>PROVI</u>

"L-attur jixhed[3] illi huwa ltaqa' mal-konvenuta, mara ta' nazzjonalita` Ingliża, fis-sena elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991) meta kellu kważi sebgħa u għoxrin (27) sena. Huwa qatt ma kien involut serjament ma' xi tfajla b'intenzjoni taż-żwieġ u qatt ma kellu intenzjoni li jiżżewweġ. Fl-ideja tiegħu iż-żwieġ kien għall-ħamiem.

"Huwa kien jgħix mal-ġenituri tiegħu li sallum ġew neqsin. Kien jaħdem fil-forn tal-familja u joħroġ jiltaqa' mal-ħbieb u mat-tfajliet. Għalkemm kien ilu jaħdem fil-forn għal kważi għoxrin sena, mill-eta` ta' seba' snin, ma kellu ebda flus imfaddlin u lanqas dar mikrija jew mixtrija. Il-paga tiegħu li kienet baxxa, kien jonfoqha fil-ħruġ u fuq it-tfajliet li kienu jogħġbuh. Il-karozzi li kien isuq kienu kollha mixtrija minn missieru.

"F'Mejju 1991, huwa ltaqa' mal-konvenuta ġewwa diskoteka fil-Mellieħa. Hija kienet Malta għall-btala ta' ġimgħa. F'din iż-żjara, hija kienet diġa wriet interess li jkollha impjieg hawn Malta u dan jirriżulta mill-korrispondenza mibgħuta lilha mill-Malta High Commission ġewwa Londra iddatata it-30 ta' Mejju 1991[4] illi tgħid *"Thank you for your recent inquiry requesting information on the possibility of working in Malta..."*

"Xi xahrejn wara reġgħet ġiet hawn Malta u ammettiet li hija kienet iġġennet wara l-Gżejjer Maltin, il-klima tagħna u l-mod kif ngħixu. Minkejja li kellha impjieg tajjeb fl-Ingilterra f'pożizzjoni tajba mal-kumpanija farmaċewtika Pfizer, kienet xtaqet tibqa' hawn Malta u filfatt hekk għamlet. Billi ma kellhiex permess tax-xogħol u lanqas flus, bdiet tirkibha ċerta frustrazzjoni u għalhekk talbet l-għajnuna mingħand l-attur. Huwa kien jieħu gost bil-kumpanija tagħha u għalhekk ma ddejjaqx jgħinha.

"Jispjega li missierha kellu appartament b'kamra tas-sodda waħda li kien jintuża bħala maħżen għall-festa tar-raħal. Irnexxielu jisbarazza kamra waħda u għamilha kamra tas-sodda għall-konvenuta. F'dan il-perjodu huma saru ferm iktar ħbieb.

"Minkejja l-ġenerożita` tal-attur u l-fatt li ma kinitx qed tħallas kera, il-ftit flus li kellha malajr spiċċawlha u għalhekk ġiet f'punt li jew ser tibda taħdem jew inkella tmur lura f'pajjiżha, għalkemm kienet irriżenjat mill-impjieg tagħha hemmhekk ukoll. *"Dan juri wkoll li l-ġudizzju tagħha fuq affarijiet importanti ma kienx matur u ma kinitx tirraġuna bħala persuna adulta."* Hija kienet determinata li tibqa' Malta jiġri x'jiġri. Saret taf li xi ħbieb tagħha solvew l-istess problema billi żżewġu lil xi ħadd Malti u b'hekk immedjatament jingħataw permess tax-xogħol u tar-residenza biex joqogħdu hawn Malta.

---

[3] L-affidavit tiegħu jinsab esebit fol. 27 tal-proċess u affidavit ulterjuri fol. 48.
[4] Ittra esebita fol. 50.

“L-attur tkellem ma’ Debbie dwar din l-għażla u hi kienet aċċettat mingħajr ebda ħsieb. Fi kliemu*: “Dak iż-żmien, barranin ma setgħux joqogħdu jew jaħdmu Malta, allura wara ftit żmien wieħed irid jitlaq mill-pajjiż. B’hekk allura jien u Debbie ddeċidejna li nżżewġu biex hi ma jkollhiex għalfejn titlaq minn Malta u tkun tista’ taħdem ukoll. Niftakar, li malli ddiskutejna l-possibililta` li nżżewġu, l-għada mort ir-reġistru pubbliku biex inġib l-informazzjoni li kelli bżonn. Fil-fatt bdejt il-proċess immedjatament u wara ftit ġimgħat konna miżżewġin.”* Effettivament huma żżewġu fir-Reġistru Pubbliku ta’ Malta fid-19 t’Awwissu 1992.[5]

> *““Iddeċidejna wkoll li nżżewġu biss b’mod ċivili għax konna nafu li jekk se nżżewġu bil-knisja l-affarijiet kienu se jikkumplikaw ruħhom aktar. Iżżewwiġna b’mod mgħaġġel ħafna u allura ma kellna xejn ippreparat. Id-data taż-żwieġ kienet stabbilita mir-reġistru pubbliku stess fi żmien qasir ħafna u aħna xorta waħda żżewwiġna dakinhar. Nixtieq inżid ngħid li kien hemm membri tal-familja li lanqas kienu jafu li qiegħed noħroġ ma’ Debbie imbagħad f’daqqa waħda saru jafu li jien miżżewweġ.*
>
> *““Naturalment din kienet konsegwenza tal-fatt li aħna dħalna f’dan iż-żwieġ sempliċiment biex Debbie tieħu l-permess tax-xogħol u tar-residenza... Allura b’kollox, jien kont naf lil Debbie għal tlettax-il ġimgħa biss qabel ma żżewwiġna.[6] Ma kontx naf min hi verament u ma kontx nifhem sew it-tifsira taż-żwieġ. Jiena qatt ma kont lest biex nerfa’ ir-responsabilitajiet taż-żwieġ. Fl-istess ħin kont naf li lanqas Debbie ma kienet lesta għal dan kollu u l-unika raġuni għalxiex hi żżewġitni kienet biex hi tkun tista’ tieħu il-permess tax-xogħol u tar-residenza. Fil-fatt, aħna ltqajna fil-bidu ta’ Mejju għal ġimgħa jew inqas imbagħad konna miżżewġin wara ftit xhur.””*

“Sussegwentement, Debbie mardet serjament u t-tama tagħhom li xi darba jkollhom it-tfal sfaxxat fix-xejn. Hija bdiet tmur l-Ingilterra b’mod frekwenti peress li n-neputija tagħha kellha tarbija. Dan kollu seħħ sa Awwissu 2010 meta mbagħad qalet lill-attur li riedet titlaq għal kollox. Effettivament il-konvenuta telqet minn Malta definittivament fl-1 t’Ottubru 2010.

“Il-verżjoni tal-attur hija kkorraborata mix-xiehda ta’ oħtu **Dolores Micallef** li fl-affidavit tagħha[7] tagħti kopja eżatta tal-affidavit tal-attur.

“<u>PRINĊIPJI LEGALI</u>

“F’dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u cioe l-Artikoli 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Att dwar iż-Żwieġ, illi jistipulaw:

***“19. (1) B’żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta’ dan l-Att, żwieġ ikun null:***

[5] Dana jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet esebit fol. 5 tal-proċess.
[6] Dana m’huwiex korrett għaliex il-partijiet kien ilhom jafu lil xulxin minn Mejju 1991 u għalhekk għal sena u tlettax-il ġimgħa.
[7] Esebit fol. 44.

***"(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;***

***"(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;***

"Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina n-nullita' taż-żwieġ *o meno* taħt dawn l-artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taħt l-Artikolu **19(1)(d)**.

"Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta' dak kollu li jkunu deħlin għalih il-partijiet u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħu u jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva, liema maturita` affettiva tkun fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mill-liġi.

"Illi mill-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati jidher ċar illi l-kunsens mogħti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens sempliċi rikjest fil-kuntratt in ġenerali għaliex il-kuntratt taż-żwieġ huwa wieħed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi għalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' żwieġ mhux biss irid ikollhom il-kapaċita' li jagħtu dak il-kunsens, iżda li l-istess irid jiġi mogħti bl-aktar mod liberu u xjenti għal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taż-żwieġ.[8]

"Kif jispjega l-awtur **Bersini** *"e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in*

[8] Marita Schembri vs. Emmanuel Schembri, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' April, 2003, (Ċitazzjoni Numru. 1081/2001/1RCP)

*contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio."*[9]

"L-awtur **Pompedda** jispjega kif ġej *"se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"*[10]

"Illi kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' ġudizzju tikkonsisti f'żewġ elementi distinti iżda konkorrenti u interdipendenti: *"la piena avvertenza e il deliberato consenso …. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"*[11]

"Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li:- *"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage,which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"*[12]

---

[9] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP)

[10] Pompedda Mario Francesco, Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento, (Bologna, 1991), pp. 231, 233– kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP)

[11] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Angela Spiteri Selvaggi vs. Joseph Spiteri mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1994

[12] Viladrich, Pedro Juan, Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Lydia Musu` vs. Dr. Ian Spiteri Bailey et. noe. mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 t' Ottubru, 2002, (Ċitazzjoni Numru. 390/1999/1RGM)

"Il-Qorti tirreferi wkoll għall-**artikolu 19(1)(f)** tal-Att dwar iż-Żwieġ u tirrileva li sabiex tiġi milqugħa talba għal dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ f'dan il-kuntest, irid jiġi neċessarjament provat li xi wieħed mill-partijiet, jew it-tnejn, għamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu jew tagħha.

"Illi kif ġie spjegat fil-każ Alfred Tonna vs. Maria Tonna[13], *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali parti jew oħra (jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda nternament u b'att pożittiv tal-volonta' tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pożittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali għaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali)".*

"Illi meta wieħed jitkellem dwar l-esklużjoni taż-żwieġ jew wieħed mill-elementi essenzjali tiegħu, wieħed irid jifli jekk il-kontendenti jew wieħed minnhom, allavolja hu kapaċi jagħti kunsens validu għaż-żwieġ, pero' bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda *a priori* ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, cioe', issimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda *a priori* ż-żwieġ, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi waħda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.[14]

"Illi għar-rigward tas-**simulazzjoni totali**, il-Qorti fil-każ Bonnici vs. Bonnici[15] qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali irid jiġi ppruvat li l-*finis operis* taż-żwieġ ġie effettivament eskluż mill-vera rieda ta' parti jew oħra, għalkemm formalment tkun seħħet iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ. Il-Qorti f'deċiżjoni oħra tagħha qalet illi jekk tmur għaċ-ċerimonja tat-tieġ u internament tissostitwixxi l-idejat tiegħek fuq x'inhu żwieġ jew inkella xort' oħra teskludi l-veru kunċett taż-żwieġ, hi forma ta' simulazzjoni totali.[16]

"Illi mbagħad fil-każ Anna Galea vs. John Walsh[17], il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bħala *"meta l-atti, ġesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux għall-kunsens intern li jkun ingħata".*

[13] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (VDG), 31 ta' Jannar 1996

[14] Sharon Lanzon vs. Francis Attard - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 15 ta' Marzu 2000

[15] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Lulju, 1982 – kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[16] Cali vs. Dr. Albert S. Grech – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 22 ta' Ġunju 1988– kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[17] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Marzu, 1995, kif rapportata f' Emanuel Walter Vella vs. Mona Lisa Vella, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 t'Ottubru 2002 (Ċitaz. 801/1996RCP)

"Fil-każ Muscat vs. Borg Grech[18] il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali f'dawn il-kliem:- *"għalhekk min esternament ikun wera li qed jagħti l-kunsens matrimonjali iżda ikun internament u b'att pożittiv tal-volonta' tiegħu qed jiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ ikun qed jissimula l-kunsens tiegħu".*

"Illi meta niġu għas-**simulazzjoni parzjali** dina tfisser l-esklużjoni pożittiva ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa. L-Att dwar iż-Żwieġ ma jagħtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, iżda mill-ġurisprudenza kostanti tagħna l-elementi li dejjem ġew ritenuti bħala l-obbligazzjonijiet tal-ħajja miżżewġa huma l-unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta għall-komunjoni ta' ħajja u prokrejazzjoni u t-trobbija tal-ulied.

"Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et. noe.[19] elenkat l-elementi essenzjali taż-żwieġ bħala l-kommunjoni tal-ħajja konjugali, l-indissolubilta' tar-rabta taż-żwieġ, id-dritt għall-fedelta' u d-dritt għall-prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi ġew ikkonfermati wkoll fil-kawżi Grech vs. Grech[20] u Aquilina vs. Aquilina[21].

"Din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Atkins Charles vs. Atkins Matilde[22] fejn ġie ritenut li "*rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, dawn huma dawk l-elementi li dejjem ġew ritenuti bħala l-obbligazzjonijiet tal-ħajja miżżewġa u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta għal komunjoni ta' ħajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi għalhekk jekk xi waħda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapaċita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iż-żwieġ li jiġi hekk kreat ma jistax ikun wieħed validu....Teżisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss waħda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jiġi stabbilit iż-żwieġ bħal per eżempju, l-esklużjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-esklużjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-oħra*".

"Rigward iż-**żwiġijiet ta' konvenjenza,** bħal ma qed jiġi allegat fil-każ odjern, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawżi fl-ismijiet Josephine Grech vs. Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida[23] u Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs. Lovay Ramadan Wahba

[18] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 14 ta' Awissu 1995, kif rapportata f'Emanuel Walter Vella vs. Mona Lisa Vella, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 t'Ottubru 2002 (Ċitaz. 801/1996RCP)

[19] Irrappurtat bħala C vs. D, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (FD), 14 ta' Lulju 1994

[20] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 9 t' Ottubru 1990 - kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[21] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Jannar 1991 - kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[22] Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), 2 t'Ottubru 2003 (Ċitazz: 1264/1997RCP)

[23] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 t' Ottubru 1995 – kif rapportata f'Pauline Ahmed nee' Bugeja vs. Shafik Farid Shafik Ahmed, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Marzu 2000(Ċitaz:171/95VGD)

Mabrouk[24] fejn ġie ritenut li: "*Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jaħdem u eventwalment jikseb iċ-ċittadinanza, hu jkun qiegħed posittivament jeskludi ż-żwieġ innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-każijiet, wieħed m'għandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni espliċita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tiġi manifestata wkoll impliċitament*".

"Issir referenza wkoll għall-kawżi fl-ismijiet Mary Rose Abder Rahim vs. Esam Abder Rahim[25] u Carmen El Shimi gia Tanti vs. Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi[26] fejn ġie ritenut li: "*Fiż-żwieġ ta' konvenjenza illi l-iskop tiegħu uniku tiegħu huwa biss biex il-konvenut jakkwista iċ-ċittadinanza Maltija jew/u d-dritt li joqgħod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda posittivament iż-żwieġ innifsu*".

"Illi fil-kawża fl-ismijiet Pauline Ahmed nee' Bugeja vs. Shafik Farid Shafik Ahmed[27] il-Qorti ċċitat lill-ġurista Francesco Bersini[28] li jispjega:-

> *""Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e` una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc…""*

"APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

"Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kunċetti tad-difett serju fid-diskrezzjoni tal-ġudizzju u tas-simulazzjoni tal-kunsens, il-Qorti ser tgħaddi, sabiex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

"L-attur isostni li l-partijiet daħlu għaż-żwieġ b'mod mgħaġġel u mingħajr maturita`. Jinsisti wkoll li l-uniku skop li kellha l-konvenuta sabiex tiżżewġu kien sabiex tikseb ir-residenza hawn Malta.

"Illi l-Qrati tagħna dejjem għamlu distinzjoni ċara bejn żwieġ li jfalli minħabba ċirkostanzi li jirriżultaw waqt iż-żwieġ, u żwieġ li jfalli għax xi wieħed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tiegħu, kien ġja' mentalment dispost li ma jottemprax ruħu ma' xi waħda jew aktar mill-

[24] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 16 ta' Jannar 1998– kif rapportata f'Pauline Ahmed nee' Bugeja vs. Shafik Farid Shafik Ahmed, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Marzu 2000(Ċitaz:171/95VGD)
[25] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (NA), 31 ta' Mejju 2000
[26] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (NA), 20 ta' Ġunju 2002
[27] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Marzu 2000 (Ċitaz: 171/95VGD)
[28] Il Diritto Canonico Matrimoniale - Elle Di Ci (Torino), 1994, pp. 113-114

obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-raġunijiet li jagħtu lok għal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.[29]

"Din il-Qorti m'hijiex sodisfatta li r-raġuni predominanti, b'mod li twarrab skopijiet oħra, il-għala l-partijiet resqu għaż-żwieġ kienet sabiex il-konvenuta tistabilixxi permanenza hawn Malta u ma kienetx sabiex jintrabtu fiż-żwieġ bid-drittijiet u l-obbligi reċiproċi tal-partijiet li jitnisslu minn tali żwieġ. Il-Qorti tirrileva illi hemm diversi fatturi li jindikaw il-kontra ta' dan li qiegħed jiġi allegat mill-attur, fosthom l-iktar fattur saljenti huwa l-fatt li l-konvivenza matrimonjali tal-partijiet estendiet għal tmintax-il sena.

"M'huwiex kontradett illi malli rifset xtutna, il-konvenuta bdiet tara kif sejra takkwista permanenza hawn Malta kif ukoll impjieg. Dan joħroġ ampjamnet ċar mid-dokument esebit li jindika li fl-istess perjodu li hija ltaqgħet mal-attur, il-konvenuta bdiet tfittex permanenza f'Malta. Pero`fil-fehma tal-Qorti, dan il-fattur waħdu m'huwiex biżżejjed sabiex jirrendi ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet wieħed ta' konvenjenza u konsegwentement jannulla ż-żwieġ. Kieku kien minnu li kull ma riedet il-konvenuta miż-żwieġ kien sempliċiment permess ta' residenza, huma ma kienux jibqgħu flimkien għal iktar minn tmintax-il sena.

"Inoltre l-eta` tal-partijiet fl-għoti tal-kunsens kienet ta' tletin sena għall-attur u erbgħa u tletin sena għall-konvenuta u mhux xi eta`żgħira. Illi fil-fehma tal-Qorti, l-attur ma rnexxielux jipprova illi minkejja l-eta` matura tagħhom huma kienu effettivament immaturi u ma kienux jafu għalxiex kienu deħlin meta taw il-kunsens. Pjuttost bil-kontra, għaliex għalkemm kienu jgħixu f'appartament żgħir preċedentement użat bħala maħżen, xorta waħda għexu flimkien għal iktar minn tmintax-il sena anke jekk ma kellhomx il-kumditajiet kollha.

"Il-fatt li l-partijiet qatt ma kellhom tfal lanqas ma huwa xi fattur li jista' jimmilita favur in-nullita` taż-żwieġ bejn il-partijiet, għaliex iż-żewġ partijiet kellhom it-tama li jkollhom l-ulied iżda sfortunatament dana ma seħħx minħabba mard serju li laqat lill-konvenuta.

"Lanqas huwa minnu li ż-żwieġ sar għal kollox ta' malajr u fi ftit ġimgħat għaliex il-konvenuta kienet ilha tirrisjedi għal iktar minn sena hawn Malta u ġie ħuha mill-Ingilterra sabiex jagħmillha xhud fit-tieġ u dana kif jirriżulta mill-istess ċertifikat taż-żwieġ.

"Bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni amoruża normali li wasslet għaż-żwieġ, iżda li ltaqgħet ma' diversi intoppi matul iż-żmien bħalma huwa l-mard serju tal-konvenuta, in-nuqqas tat-tnissil tal-ulied, id-distanza u l-firda tal-konvenuta minn pajjiżha u l-familja tagħha, li lkoll wasslu biex iż-żwieġ minkejja li validu, sfortunatament sfaxxa.

[29] Ali Chahid vs. Mary Spiteri - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 5 ta' Ġunju 2002 (Ċitaz: 1733/01RCP)

> "Il-Qorti ma tonqosx li tosserva l-weġgħa tal-attur li l-konvenuta infurmat terzi qabel ma nfurmat lilu bil-ħsieb tagħha li titilqu u tirritorna f'pajjiżha. Kieku kien tassew żwieġ ta' konvenjenza kif jallega l-attur, ma kellux għaliex iħoss ebda weġgħa. Kieku ma kien hemm ebda rabta emottiva bejn il-partijiet, l-attur li jpinġi lilu nnifsu bħala żagħżugħ li jħobb jiddeverti sija ma' sħabu kif ukoll mat-tfajliet li jogħġbuh, ma kienx jirnexxielu jibqa' marbut fir-rabta taż-żwieġ għal daqstant snin, jiddispjaċih li telqet lura, iċempel qarib tagħha biex jara x'ġara minnha u jitniggeż mill-fatt li hija diġa kienet f'relazzjoni ma' terz.
>
> "Ma jirriżultax illi l-partijiet jew xi ħadd minnhom ma fehemx l-obbligi tiegħu fiż-żwieġ. Anke jekk iżżewġu fi ftit xhur, il-partijiet kienu jafu l-effetti maħluqa bil-kunsens tagħhom, li jirriżulta għal kollox regolari. Ma jirriżultax lanqas illi huma eskludew iż-żwieġ innifsu jew xi waħda mill-elementi u l-obbligi essenzjali għall-ħajja konjugali.
>
> "Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-azzjoni tan-nullita` taż-żwieġ, għab-bażi tal-kawżali tan-nuqqas ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju u tal-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, ma tistax tkun suċċess u konsegwentement li t-talba attriċi m'hijiex ġustifikata u ma timmeritax li tiġi milqugħa."

L-Appell

5. L-attur appella minn dik is-sentenza b'rikors prezentat minnu fil-5 ta' Gunju 2018 li ghalih wiegbu l-kuraturi deputati rapprezentanti lill-konvenuta b'risposta prezentata minnhom fit-18 ta' Gunju 2018.

6. L-aggravju tal-attur jikkoncerna l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, li skont hu huwa zbaljat, u abbazi ta' dan l-aggravju qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talba tieghu sabiex iz-zwieg tieghu jigi dikjarat null; bl-ispejjez taz-zewg istanzi akkollati lill-konvenuta appellata.

7. Min-naha taghha l-konvenuta twiegeb li l-appell ghandu jigi michud ghar-ragunijiet indikati minnha fir-risposta taghha; bl-ispejjez kontra l-attur appellanti.

L-Aggravju

8. L-attur jilmenta li l-ewwel Qorti, fl-apprezzament taghha, warrbet diversi fatturi li skont hu kellhom iwassluha ghall-konkluzjoni opposta. Huwa elenka dawn il-fatturi hekk: li l-partijiet dahhlu ghaz-zwieg li fil-verita` ma ridux jidhlu ghalih; likieku l-attur ma accettax li jizzewweg lill-konvenuta dina kienet ser tkun kostretta titlaq minn Malta peress li ma setghetx tibqa' residenti f'Malta; li meta izzewgu huma ma kinux jafu lil xulxin sewwa; li l-attur kellu pressjoni biex jizzewweg min-naha tal-konvenuta peress li dina riedet li tibqa' tghix f'Malta; li minkejja li l-konvivenza damet diversi snin jirrizulta mill-provi li hi kienet ghamlet perjodi twal barra minn Malta sabiex izzur lill-qraba taghha fl-Ingilterra u wkoll sabiex tircievi trattament ghall-kondizzjoni medika li kienet bdiet issofri minnha; li l-eta' tal-partijiet fiz-zmien tal-kunsens matrimonjali, iz-zmien li damu jiffrekwentaw lil xulxin qabel iz-zwieg u t-tul tal-konvivenza matrimonjali ma kellhomx iwasslu ghall-konkluzjoni li l-kunsens taghhom ma kienx vizzjat ai termini tal-Artikolu 19[1] [d] tal-Att dwar iz-Zwieg [Kap.255] ghax, filwaqt li hu kien kuntent li jibqa' johrog mal-konvenuta u addirittura jghix maghha u jikkoabita maghha ma kienx preparat li *"jitla'*

*fil-livell ta' zwieg f'din ir-relazzjoni..";* li mhux minnu li l-partijiet kienu damu jiffrekwentaw lil xulxin ghal zmien sena, stante li f'dik is-sena l-konvenuta kienet ghamlet diversi perjodi barra minn Malta;

9. L-attur ikompli jfisser hekk dan l-aggravju:

> "IX. …..Illi fl-umli opinjoni ta' l-esponent l-Qorti mhux qed taghmel distinzjoni importanti ossija dik bejn tnejn minn nies li lesti jkunu f'relazzjoni amoruza u anke jkun hemm koabitazzjoni u tnejn minn nies li lesti li jghaddu ghal-livell aktar gholi u jaccettaw li r-relazzjoni taghhom tigi tramutata fi zwieg bl-obligi hekk intizi. Ma jfissirx li, ghax tnejn minn nies lesti li jkollhom relazzjoni flimkien, ikunu intimi jew jghixu flimkien huma awtomatikament lesti li jassumu l-obbligi taz-zwieg. Mill-qari tas-sentenza ghall-Qorti tghid li, gia la darba ghamlu diversi snin wara jghixu flimkien jfisser li l-kunsens taghhom ma seta' qatt kien ivvizjat habba diskrezzjoni serja ta' gudizzju. Qisu li l-koabitazzjoni taghhom u t-tul taghha hija garanzija ta' kunsnes hieles. Dan mhux minnu tant li huma hafna dawk in-nies li jaghzlu li jikkoabitaw flok li jidhlu fiz-zwieg. Meta kopja taghzel li tghix hekk jkun ifisser li l-kopja hija kuntenta bir-relazzjoni u l-intimita pero` m'hemmx bizzejed biex din tersaq ghal-livel aktar gholi ta' zwieg bl-obligi kollha li jgib mieghu inkluz l-fatt li zwieg hija rabta ghal dejjem. L-intimata din qatt ma riditha kif delresto l-esponent. L-intimata meta hasset u setghet, marret lura f'pajjiza u kkancellat dak kollu li gara Malta tant li lanqas ghal din il-procedura ma kien jinteressaha li tippartecipa. Dan huwa l-fattur li ma giex apprezzat bizzejjed mill-Qorti, bid-dovut rispett. Il-partijiet kienu jafu li din ir-relazzjoni qatt ma kellha tilhaq il-livell taz-zwieg ghax minkejja li kienu attratti lejn xulxin kienu jafu li m'hemmx l-elementi rikjesti biex ikun zwieg validu. Fil-fatt id-durata tal-koabitazzjoni taghhom kienet gejja minn diversi fatturi fosthom li f'punt l-intimata ma kinetx libera li tirritorna lura lejn pajjizha l-ewwel habba finanzi kif ukoll habba problema fis-sahha taghha li ghamluha dipendenti ghall-hajja li kellha maqsuma mar-rikorrent. Kif dawn kienu sorvolati hi telqet u qatt ma harset lura;"

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

10. L-attur jilmenta li fl-apprezzament taghha tal-provi in kwantu jikkoncernaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 19[1][d] l-ewwel Qorti kkonsidrat

fatturi li skont hu m'ghandhom *"addirittura l-ebda relevanza mal-kaz odjern"*[30]. Huwa jsemmi s-segwenti fatturi: l-eta` tieghu ta' 30 sena fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, it-tul taz-zmien li damu jiffrekwentaw lil xulxin qabel iz-zwieg u l-konvivenza matrimonjali ta' 9 snin, u jissottometti li dawn ma kellhomx jittiehdu in konsiderazzjoni minn dik il-Qorti.

11. Din il-Qorti tosserva li dan l-ilment huwa fic-cirkostanzi tal-kaz manifestament fieragh. Jghid hazin l-attur li l-eta` tal-partijiet huwa fattur irrelevanti. Mill-provi jirrizulta li l-attur kien diga' fid-dinja tax-xoghol u l-eta` ta' 30 sena, fin-nuqqas ta' provi cari u konkreti li juru l-kuntrarju, zgur li ggib maghha dik il-maturita` li tippermettilu grad sufficjenti ta' dixxerniment fuq l-import tal-hajja matrimojali, u specifikatament id-drittijiet u l-obbligi li necessarjament iz-zwieg igib mieghu. Inoltre, fil-kaz tal-attur huwa ammess minnu li hu kien ihobb johrog u jiffrekwenta gruppi li jkun fihom tfajliet u ghalhekk mhuwiex xi bniedem maghluq fih innifsu u li minkejja t-trapass taz-zmien ma zviluppax certu grad ta' maturita` u dan kif diga' fuq intqal apparti mill-fatt li huwa kien diga' ghal numru ta' snin dahal fid-dinja tax-xoghol liema fattur necessarjament iwassal ghal certu grad ta' maturita` fir-relazzjonijiet umani. Barra minn hekk huwa stess jghid li kien ikun kuntent kieku baqa' jikkoabita mal-konvenuta liema fattur, ghalkemm il-provi huma siekta dwar l-intimita` ta' bejniethom, fin-

[30] Rikors Appell Fol.75.

nuqqas ta' provi cari, iwassal ghall-konkluzjoni li huwa ma kienx estranju ghall-att konjugali. Dan ikompli jimmilita` kontra t-tezi tieghu li hu kien ibati minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fejn tidhol il-hajja konjugali.

12. Apparti mill-premess, il-Qorti tosserva li l-fatt li wara z-zwieg il-partijiet damu jikkonvivu fil-hajja matrimonjali ghal bosta snin sakemm eventwalment il-konvenuta telqet u marret tghix l-Ingilterra, jimmilita` ferm kontra t-tezi tieghu ta' nuqqas ta' dixxerniment tal-hajja konjugali. Dak il-fatt, meqjus ukoll fid-dawl tal-fatt li l-attur kien dispjacut meta l-konvenuta telqitu, jimmilita` kontra t-tezi ta' nuqqas ta' maturita` affettiva fil-konfront tieghu. Dan jghodd ukoll anke fil-konfront tal-konvenuta li damet fil-hajja konjugali mal-attur ghal tul taz-zmien, u hija korretta l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li dan il-fattur jimmilita kontra dak sostnut mill-attur li huma dahlu fiz-zwieg unikament sabiex l-konvenuta tkun tista' tibqa' Malta.

13. Maghdud ma' dan il-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax li l-partijiet kellhom inkwiet kontinwu fir-relazzjoni matrimonjali taghhom, kif certament kien ikollhom likieku kien minnu li huma izzewwgu biss sabiex il-konvenuta tkun tista' tibqa' tghix f'Malta. Fir-rigward, din il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li, ghalkemm iz-zmien tan-namur ma kienx wiehed twil, huma kienu jikkoabitaw flimkien u kienu lesti sabiex ikomplu jaghmlu hekk fir-rabta taz-zwieg, u l-fatt li l-motiv principali wara l-ghazla

taghhom li jizzewwgu kien li l-konvenuta tkun tista' tibqa' tghix f'Malta, dan ma jfissirx li l-partijiet ma kinux lesti li jinghaqdu f'unjoni bazata fuq il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni tal-ulied u t-trobbija tat-tfal, u l-fatt li huma ma kellhomx tfal minhabba l-intervent kirurgiku li l-konvenuta kienet kostretta taghmel waqt iz-zwieg ma jwassalx necessarjament ghall-eskluzjoni tat-tfal fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens, tant dan hu minnu li fl-affidavit tieghu l-attur jilmenta li *"issa* <u>*t-tama*</u> *li jkollhna tfal spiccat fix-xejn u z-zwieg taghna* <u>*sar*</u> *inezistenti."*[31] Din tal-ahhar turi li fiz-zmien tal-kunsens matrimonjali l-attur kellu t-tama li jkollu t-tfal u dan ikompli jikkorrobora d-dixxerniment da parti tieghu dwar l-import taz-zwieg.

14. Din il-Qorti tosserva wkoll li l-fatt sostnut mill-attur li huma ma kinux jafu lil xulxin sew qabel iz-zwieg ma jimmilitax kontra l-konsiderazzjonijiet premessi ghax, anke jekk dan kien minnu, il-fatt li ma hemmx prova ta' inkwiet kontinwu bejniethom fil-hajja konjugali jdghajjef serjament dak sostnut mill-attur li huma ma kinux lesti ghall-hajja matrimojali. Dan jghodd kemm ghall-attur kif ukoll ghall-konvenuta li, fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, hija kellha 34 sena u kienet divorzjata u ghalhekk huwa difficli li, fin-nuqqas ta' provi cari li juru l-kuntrarju, l-Artikolu 19[1][d] jitqies applikabbli fil-konfront taghha. Relevanti f'dan ir-rigward hija l-osservazzjoni li mill-provi ma jirrizultax li l-konvenuta jew l-attur kienu

[31] Affidavit Fol.33.

inkapaci jissodisfaw id-dmirijiet konjugali inerenti fil-konvivenza matrimonjali.

15. In konkluzjoni dwar dan l-aspett tal-aggravju din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti, ma tirravvizax li l-attur dahal ghaz-zwieg taht pressjoni li ma setax jirrezistiha. Il-fatt li hu ceda ghax-xewqa tal-konvenuta ma jfissirx li hu ma kellux dik il-volontarjeta` sabiex jidhol ghaz-zwieg. Huwa kellu ghazla, jew li ma jizzewwigx u l-konvenuta titlaq l-Ingilterra jew li jizzewweg u jibqa' jghix mal-konvenuta fil-konvivenza matrimonjali. Huwa ghamel l-ghazla tieghu, ghax kien ihobbha u allura ghandu jgorr ir-responsabbilita` ta' dik l-ghazla.

16. Rigward l-aspett tas-simulazzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet premessi biex, bhal l-ewwel Qorti, ma tirravvizax li z-zwieg bejn il-partijiet kien wiehed similat. Ma jistax jitqies provat li l-partijiet esternament ghaddew minn cerimonja ta' zwieg izda internament u b'att pozittiv tal-volonta` taghhom eskludew iz-zwieg innifsu jew xi obbligu taz-zwieg. Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' prova li turi li l-partijiet jew parti kienet inkapaci li tissodisfa l-obbligi essenzjali taz-zwieg, is-simulazzjoni tikkuntrasta dijametrikalment mal-*caput nullitatis* kontemplata fil-paragrafu [d] tal-artikolu precitat, ghax ghandu jkun logikament manifest li jew parti ma tafx x'inhuma l-obbligi taz-zwieg jew

tafhom izda teskludihom *in toto* jew *in parte*. Ghalhekk fil-kaz odjern dawn iz-zewg *capita nullitatis* jinnewtralizzaw lil xulxin reciprokament.

17. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz jezistu elementi ta' prova sufficjenti sabiex l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, u l-apprezzament maghmul minn dik il-Qorti, mhux talli mhux vizzjat bi zball manifest, izda talli addirittura huwa wiehed korrett.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddecidi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha; bl-ispejjez taz-zewg istanzi a kariku tal-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm